



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawżi magħquda C-53/13 u C-80/13**

**Strojírny Prostějov, a.s.**

**u**

**ACO Industries Tábor s.r.o.**

**vs**

**Odvolací finanční ředitelství**

(talbiet għal deċiżjoni preliminari,  
imressqa mill-Krajský soud v Ostravě u min-Nejvyšší správní soud)

“Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Aġenzija tax-xogħol temporanju — Kollokament ta’ ħaddiema minn aġenzija stabbilita fi Stat Membru ieħor — Restrizzjoni — Impriża li tuża s-servizzi ta’ ħaddiema — Żamma f’ras il-ġħajn tat-taxxa fuq id-dħul ta’ dawn il-ħaddiema — Obbligu — Ħlas lill-baġit nazzjonali — Obbligu — Każ ta’ ħaddiema kkollokati minn aġenzija nazzjonali — Assenza ta’ tali obbligi”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta’ Ġunju 2014

*Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Leġislazzjoni fiskali — Taxxa fuq id-dħul — Leġislazzjoni nazzjonali li timponi, fuq l-impriża li tuża s-servizzi ta’ ħaddiema, li twettaq żamma f’ras il-ġħajn tat-taxxa fuq id-dħul ta’ dawn il-ħaddiema kkollokati minn aġenziji tax-xogħol temporanju stabbiliti fi Stat Membru ieħor — Assenza ta’ tali obbligu fil-każ tal-ħaddiema kkollokati minn impriża nazzjonali — Inammissibbiltà*

(Artikolu 56 TFUE)

L-Artikolu 56 TFUE jipprekludi leġislazzjoni li abbażi tagħha l-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru wieħed li jirrikorru għal ħaddiema impjegati u kkollokati minn aġenziji tax-xogħol temporanju stabbiliti fi Stat Membru ieħor, iżda li joperaw fl-ewwel Stat Membru permezz ta’ fergħa, huma obbligati li jżommu t-taxxa f’ras il-ġħajn u li jħallsu lill-ewwel Stat Membru ħlas bil-quddiem fuq it-taxxa fuq id-dħul dovuta minn dawn il-ħaddiema, filwaqt li l-istess obbligu ma huwiex previst fir-rigward tal-kumpanniji stabbiliti fl-ewwel Stat li jużaw is-servizzi ta’ aġenziji tax-xogħol temporanju stabbiliti f’dan l-istess Stat.

Fil-fatt, id-differenza fit-trattament stabbilita minn tali leġislazzjoni taffettwa d-dritt tad-destinatarji tas-servizzi li jagħżlu liberament servizzi transkonfinali.

(ara l-punti 40, 60 u d-dispożittiv)